MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1611/2003

**Fabio Ciappara**

**vs**

**Stanley Xiberras**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Awissu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u tlett liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm903.11), danni kagunati fil-vettura Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni FAB-105 propjeta` tal-attur, kif jirrizulta mir-ricevuti annessi u markati bhala Dok.A, B u C, liema danni gew kagunati fl-incident awtomobilistiku illi gara fl-24 ta' Frar, 2003 fil-Mellieha, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAT-931 ta' l-ghamla Renault misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas**

**ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu kif jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni dwar l-incident relattiv li jinsab anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok.D.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra s-socjeta` assikurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 ta' Novembru, 2003, fejn intqal illi l-konvenut ma jahti xejn ghall-incident in kwistjoni u dana kif ser jigi pruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Fabio Ciappara, Stanley Xiberras, Mario Camilleri, Charles Buhagiar, PS 298 Joseph Grima u Jason Portelli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Frar, 2003 fl-inkrocju bejn Triq ix-Xehda u Triq il-Ghasel, fil-Mellieha. Il-vetturi nvoluti kienu il-vettura bin-numru FAB-105 misjuqa mill-attur, u l-vettura BAT-931 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Jirrizulta illi l-attur kien qed isuq fi Triq ix-Xehda biex jidhol fi Triq il-Ghasel, filwaqt illi l-konvenut kien miexi fi Triq il-Ghasel miexi fid-direzzjoni tal-inkrocju ma' Triq ix-Xehda.**
**3. Qamet kwistjoni dwar jekk kien hemm "stop sign" minn fejn kien hiereg l-attur fiz-zmien tal-incident. Fir-rigward xehed Mario Camilleri, rapprezentant tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha. Dan ix-xhud ma kienx jaf jghid jekk kienx hemm stop sign dak iz-zmien, pero` jaf li saru xogholijiet hemmhekk fit-2 ta' Lulju, 2003, cioe` wara d-data tal-incident.**

**Rilevanti hafna x-xhieda ta' PS298 Joseph Grima li kien kategoriku fic-cahda tieghu li fil-lokalita` kien hemm "stop sign". Dan xehed hekk: "Anzi nghid illi dak iz-zmien ma kienx hemm stop sign." It-Tribunal inoltre jinnota li ma jirrizultax li hemm stop sign kif allegat mill-konvenut, la mill-iskizz esebit u lanqas mir-Road Accident Report, kif ukoll lanqas ma gie hekk dikjarat mill-konvenut "a tempo vergine". Lanqas ir-rapprezentant dwar it-Trasport pubbliku Jason Micallef ma kien f'posizzjoni li jikkonferma jekk kienx hemm stop sign fi Triq ix-Xehda. Ghalhekk huwa evidenti li ma kien hemm ebda stop sign ghal ebda wahda mill-vetturi.**

**4. Jirrizulta li l-attur waqaf qabel ma beda hiereg ghal go Triq il-Ghasel. Jirrizulta li l-konvenut kien gej isuq, tenut kont tal-lok fejn gara l-incident u tal-istat tat-triq dak iz-zmien. Jirrizulta fil-fatt li l-konvenut halla brake marks twal ghaxar metri qabel ma habat mal-attur.**

**5. It-Tribunal qed iqies rilevanti hafna dak li qed jghid il-konvenut fis-sens illi huwa ra lill-attur u rah meta kien ghadu distanza il-boghod minnu. Jidher illi l-konvenut ried jibqa' ghaddej, u meta ra li ma kienx ser jirnexxilu, applika l-brake, pero` kien tard wisq, u sehhet il-kollizzjoni.**

**6. Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, ma hemmx dubbju li l-kollizzjoni sehhet tort taz-zewg sewwieqa, pero` principalment tort tal-konvenut. Ghalhekk it-Tribunal qed jattribwixxi tlett kwarti mir-responsabilita` ghas-sinistru lill-konvenut u kwart lill-attur.**

**7. Dwar id-danni subiti mill-attur, dawn jirrizultaw pruvati mid-diversi dokumenti esebiti, kif ukoll mix-xhieda ta' Charles Buhagiar, u dana fl-ammont ta' disa' mija u tlett liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm903.11). Inkwantu l-konvenut kien responsabbli fi grad ta' tlett kwarti ghall-incident li sehh, il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sebgha u sebghin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm677.33).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici fis-sens illi jiddikjara lill-konvenut responsabbli fi grad ta' tlett kwarti ghall-kollizzjoni li sehhet, u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sebgha u sebghin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm677.33), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sal-pagament effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati in kawntu ghall-tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------